Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tal-403 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 29 ta' Awwissu, 2012**

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

## Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, u l-Kunsillieri s-Sur Joe Buttigieg, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Kevin Plumpton.

Is-Sur Keith Pisani daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace daħal għal-laqgħa fis-6.35 ta' filgħaxija.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.40 ta' filgħaxija.

## Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-402 laqgħa tal-Kunsill ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

## Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk kienetx ingħatat risposta mill-GAL dwar l-*expression of interest* li l-Kunsill issottometta biex tiġi *resurfaced* Triq Ħas-Sajjied. Is-Sindku qal li l-Bord ta' Evalwazzjoni ma kienx għadu ħareġ bid-deċiżjoniet tiegħu dwar l-applikazzjonijiet li saru.

Is-Sinjura Calleja tkellmet dwar l-eżitu tal-laqgħa li kellha ma' Mr Gu Hongxing, Direttur taċ-*China Cultural Centre*. Is-Sinjura Calleja qalet li l-wirja ta' ritratti bit-tema *China through Maltese Eyes* kienet ser tittella` bejn it-3 u l-10 ta' Settembru, 2012 fil-bini tal-Kunsill li jaħbat fiż-żmien il-festa tal-lokal.

Fis-6.30 ta' filgħaxija s-Sur Keith Pisani daħal għal-laqgħa.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat Memo 120/2011 mibgħuta mid-Direttur, tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilita` ta' librerija lokali. Il-Kunsill ġie infurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ser jagħti l-ammont ta' €466 f'għajnuna għal-librerija lokali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-MEPA fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-bilanċ tal-fondi *Urban Improvement Fund* (UIF) sa tmiem Lulju kien ta' €62,047.89.

Il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace daħal għal laqgħa fis-6.35 ta' filgħaxija.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Foundation De Malte* sabiex flimkien mal-Kunsill issir tnedija tal-ktieb li ser jiġi ppublikat fuq il-festa u l-banded f'Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir it-tnedija ta' dan il-ktieb nhar is-Sibt, 15 ta' Settembru 2012 fis-sala tal-Kunsill.

Inqrat korripondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali dwar itwaqqif ta` bord tal-monitoraġġ tal-Kunsilli Lokali, sabiex jeżamina s-sistema preżenti tal-monitoraġġ tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ġie mitlub jagħti s-suġġerimenti tiegħu.

Fis-6.40 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal laqgħa.

Is-Sur Bonnici ppropona li jiġi ssuġġeriet li jkun hemm tibdil fil-proċedura dwar l-infiq marbut mal-ġemelaġġi. Is-Sur Bonnici qal li hu jaqbel li għandu jkun hemm kontroll fuq l-infiq eseġerat izda ma jaqbilx li jkun hemm restrizzjonijiet fejn tintilef opportunita` b'risq iz-żgħazagħ, kif ser jiġri fil-futur jekk il-Kunsill ikollu jirtira milli jipparteċipa fil-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ li jiġi organizzat kull sena mal-bliet li l-Kunsill għandu patt ta' ġemellaġġ u ħbiberija Eschborn (Ġermanja), Povoa de Varzim (Portugal) u Montgeron (Franza). Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li jintbgħat dan is-suġġeriment.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn resident li joqgħod Buleben iz-Zgħir fejn talab lill-Kunsill sabiex isiru *refresh* tas-sinjali tat-traffku kif ukoll li ssir *road hump* fi Triq l-1 ta' Frar 1994 peress li kien qed issir sewqan eċċessiv. Is-Sindku qal li għalissa l-Kunsill ma kienx f'pozizzjoni li jagħmel *road humps*. Is-Sindku talab sabiex isir *refresh* tas-sinjali. Is-Sur Pisani qal li peress li hemm lista ta' talbiet biex isiru *road humps* fil-lokalita`, il-Kunsill għandu jagħmel dawk l-aktar urġenti.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Etiene Camilleri sabiex fiz-zmien tal-festa jarma *bouncing castle*. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li jista' joffri l-użu tat-teatru grieg u li għandha titħallas it-tariffa skont il-*bye-law* ta' €116.50 għal kull darba li jintuża t-teatru grieg.

Inqrat korripondenza mibgħuta minn *Transport Malta* fejn il-Kunsill ġie infurmat li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jitneħħew is-sinjali tal-*one way* u li s-sistema tat-traffiku fi Triq Patri Taddew Schembri terga' ssir kif kienet oriġinarjament. Is-Sindku semma l-bżonn li ssir *road hump* f'din it-triq peress li kien qed isir sewqan eċċessiv.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Fondazzjoni *Inspire* sabiex isir attivita` bejn il-Fondazzjoni u l-Kunsill għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mil-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-attivita` għall-persuni bi bżonijiet speċjali li zgur tkun ta' għajnuna u benefiċċju għalihom.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar multi pendenti għall-perjodu ta' l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Awwissu 2011 fejn il-Kunsill ġie mitlub jinforma lid-Dipartiment x'passi ttieħdu jew ser jittieħdu biex jinġabru l-ammonti pendenti.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Nutara Diane Magro fejn resqet l-ilment rigward il-*litter bin* li twaħħal biswit il-proprjeta` tagħha sabiex dan jitneħħa peress li kien ta' inkonvenjent. Is-Sur Bonnici qal li l-Kunsill kien qabel fejn kienu ser jitwaħħlu dawn il-*litter bins.* Is-Sur Bonnici qal li mil-ħames *litter bins* li twaħħlu wieħed ġie vandalizzat u l-Kunsill kien irċieva lment minn sid ta' ħanut. Is-Sur Bonnici saħaq li jekk il-Kunsill joqgħod iċaqlaq kull ma jagħmel għax ikun hemm ilment minn resident, il-Kunsill jispiċċa ma jagħmel xejn.

Is-Sur Grech qal li tassew kien hemm bżonn li jitwaħħlu *litter bins* fi Triq is-Santwarju madankollu għanda tinstab soluzzjoni sabiex jitneħħa kull inkonvinjent għar-residenta.

Is-Sur Plumpton issuġġerixxa li dan għandu jitneħħa u jinstab post alternattiv sabiex jitneħħa kull inkonvinjent. Is-Sur Pace qal li f'din it-triq hemm bosta residenzi vojta fejn setgħu jitwaħħlu dawn il-*litter bins.*

Is-Sur Bonnici qal li n-Nutara ma ġabet l-ebda raġuni valida biex jitneħħa il-*litter bin*, peress li *litter bin* mhux qed imiss mal-propjeta` tagħha.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn il-Kunsill ġie infurmat li nħareġ avviż ta` infurzar dwar zvillup mingħajr permess li jikkonsisti minn bdil t'uzu ta` art u dan billi sar tfiegħ ta' *plastic*, *aliminium*, kartun u materjal ieħor f'sit f'tal-Imwieġel limiti ta' Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Malta Post* fejn talbu lill-Kunsill sabiex isir *reserved parking* quddiem iċ-Ċentru Ċiviku biex jintuza eskluzivament għall-vetturi li jgħatu servizz lill-fergħa tal-posta f'din il-lokalita. Is-Sur Buhagiar semma li quddiem iċ-Ċentru Ċiviku kien ġa hemm *reserved parking* u ppropona li l-*Malta Post* tiġi nfurmata b'dan. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament.

<u>Item 5 – Xogħol tal-Kunsill</u>

<u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda ta' ħlasijiet għall-perjodu ta' bejn it-2 ta' Awwissu, 2012 sad-29 ta' Awwissu, 2012 li kien jammonta għal €56,775.00. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Awwissu 2012 li kien jammonta għal €119.90.

<u>Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' kull sitt xhur</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Sitt Xhur għal perjodu Jannar – Ġunju 2012. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech il-Kunsill approva unanimament ir-Rapport

<u>Mozzjoni dwar emendi u trasferiment ta' voti fl-Estimi Annwali 2012</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill mozzjoni proposta mis-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, li tipproponi li l-Kunsill jemenda u jitrasferixxi hekk kif ġej:

1. L-ammont ta' €73,500 jizdied fil-vot 0015 Ħwejjeġ oħra, filwaqt li l-vot 2300 Tiswijiet u Manutenzjoni jizdied b'€76,320.

2. L-ammont ta' €3,500 mill-vot 2300 Tiswijiet u Manutenzjoni jiġi trasferit fil-vot 3300 Ospitalita` u Servizzi lill-Komunita`.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn l-emendi u t-trasferimenti fl-estimi annwali.

Is-Sindku qara korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba biex il-Kunsill jimpjega Skrivan/a fi Skala 15 fuq bazi *full-time* ġiet milqugħa. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proċess tal-ingaġġ irid isir skont ir-regolamenti imniżżla fl-Avviż Legali 127 tal-1998 - Regolamenti Dwar Kunsill Lokali (Riżorsi Umani).

Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord ta’ l-Għażla kompost mis-Sindku, mill-Viċi Sindku, mis-Sur Bonnici, mis-Sur Buttigieg u mis-Segretarju Eżekuttiv biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għazla u biex iressaq ir-rakomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill.

Inqrat korripondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar is-sejħa li għamel il-Kunsill sabiex jiġi ngaġġat Assistent Prinċipali (Skala 11). Il-Kunsill ġie infurmat li l-membru tal-bord li ma ffirmax ir-rapport mħejji miċ-*Chairperson* tal-Bord għandu jagħmel rapport bil-miktub u jitressaq flimkien mar-rapport taċ-*Chairperson.* Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill li kien ser iħejji r-rapport u jiġi pprezentat fil-laqgħa li jmiss.

Fit-7.45 ta’ filgħaxija is-Sur Plumpton talab li jkun skuzat.

Il-Viċi Sindku semma l-attivita` sportiva li l-Kunsill ser jagħmel nhar il-Ħadd, 2 ta’ Settembru 2012 u ppropona li l-Kunsill jagħti tifkira ta’ parteċipazzjoni lill-parteċipanti li ser jieħdu sehem f’din il-kompetizzjoni ta’ sparar ta’ plattini. Is-Sindku ssekonda l-proposta tal-Viċi Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma’ din il-proposta u li n-nefqa tal-Kunsill ma tkunx aktar minn €320.

Is-Sindku ressaq korrispondenza mibgħuta mingħand is-Sezzjoni *Door Numbering Unit* dwar in-numerar ta’ Triq il-Kapuċċini, f’Ħaż-Żabbar. Il-Kunsill ġie infurmat li peress li hemm żewġ toroq b’dan l-isem qabel ma jinbidel l-isem tat-triq li hemm indikat fil-pjanta mehmuża, is-sezzjoni ma tistax tieħu l-passi neċessarji biex isir l-eżerċizzju tan-numerar tal-bibien f’din it-triq. Is-Sur Grech ppropona li tintbgħat ittra lir-residenti li joqgħodu f’din il-parti tat-triq u jiġu nfurmati b’dan kif ukoll li l-Kunsill kien lest li joffri l-għajnuna tiegħu. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Grech tkellem dwar il-proposta tas-Sur Brincat, Konsulent ma’ Transport Malta biex fi Triq Wied il-Għajn jitwaħħlu tabelli u jsiru sinjali ta’ 30kph *speed limit* sakemm titwaħħal *speed camera* f’din it-triq. Is-Sur Grech talab li tintbgħat ittra lis-Sur Brincat fejn jiġi mitlub sabiex jiġi ikkunsidrat li l-limitu ikun ta’ 40kph peress li 30kph huwa baxx wisq dejjem jekk dan ma joħloqx periklu.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta’ uffiċjal inkarigat mil-librerija (ZLC 8/2010) ser jiskadi fit-28 ta’ Settembru, 2012 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Inqraw il-minuti tad-29 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter’s. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku.

**Item 6-Affarijiet Oħra**

Is-Sur Pisani ppropona li fil-fuljett Citta` Hompesch jitqassam kwestjonarju dwar l-anzjani u persuni dipendenti li huma residenti fil-lokalita`. Is-Sur Pisani qal li l-ispiza biex jiġi ppublikat 5500 kwestjonarju huwa ta' €247. Is-Sur Buttigieg ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li jiġi ppublikat dan il-kwestjonarju u jitqassam lir-residenti.

Is-Sur Pisani tkellem dwar il-problemi li qed ikollhom jiffaċċjaw is-Sagra Familja u ppropona li ssir laqgħa magħhom sabiex tittella' attivita`. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-laqgħa.

Is-Sinjura Calleja talbet li l-Kunsill jikteb lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex jiġu rranġati trinek li hemm fi Sqaq Fwieni lejn Wied il-Għajn.

Is-Sinjura Calleja qalet li dawl u l-fanal taz-*zebra crossing* li hemm fi Triq il-Kunvent kien reġa' tkisser wara biss ftit jiem li kien ġie rranġat. Is-Sinjura Calleja ssuġġeriet li l-arblu jiġi mressaq.

Is-Sur Buttigieg talab li jsir *refresh* tal-*hatching lines* li hemm fi Triq tal-Labour ma' Triq Bajada, kif ukoll semma l-bżonn li jsir *refresh* tas-sinjali *stop* fi Triq il-Kunvent ma' Triq Qalb Imqaddsa u ma' Triq l-Iskola.

Is-Sur Buttigieg talab li tiġi rranġata t-tabella tal-konfini li hemm fi Triq tal-Labour.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex jitħawwlu fjuri u pjanti f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Is-Sur Bonnici talab li niktbu lill-*Transport Malta* sabiex jiġu rranġati sinjali taz-*zebra crossing* li hemm fi Triq is-Santwarju quddiem il-Klabb ta' St Patrick's.

Is-Sur Bonnici tkellem fuq is-siġar li nqalgħu minn Transport Malta fi Triq Kunsill tal-Ewropa ma' Triq tal-Labour waqt xogħlijiet li kienu qed isiru. Is-Sur Bonnici qal li l-Kunsill ma ġiex ikkonsultat li kienu ser jinqalgħu dawn is-siġar u lanqas ma ġie infurmat fejn ser jitħawwlu u għalhekk talab li ssir stqarrija fil-gazzetti lokali li l-Kunsill mhux responsabbli għall-isfreġju ta' dawn is-siġar.

Is-Sur Grech talab li l-Kunsill jikteb lil Transport Malta sabiex isir *single yellow line* fi Triq Ħas-Sajjied.

Is-Sur Pace talab sabiex titwaħħal tabella li turi d-direzzjoni ta' traffiku fi Triq Bieb is-Sultan.

Is-Sur Pace semma l-bżonn li titwaħħal *u bar* quddiem residenza fi Triq Guzeppi Pace.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Ezekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-404 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 26 ta' Settembru, 2012.

Domenic Agius
Sindku